# ANNIBALE PRECA - GĦEN ĦAFNA BIEX IQAJJEM L-ILSIEN MALTI

FR. HERMANN DUNCAN O.CARM



Ftit huma n-nies li jafu dwar Annibale Preca. Għalhekk ħsibt biex permezz ta' dan l-artiklu ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwaru u l- kontribut li hu ħalla lis-soċjetà Maltija.

Annibale Preca twieled ġewwa Ħal-Lija nhar it-22 ta' Marzu 1832. Huwa magħruf bħala awtur u filoloġista fejn ħadem kemm felaħ biex ixerred t-tagħlim tal-ilsien Malti. Huwa tgħallem fil-Liċeo u kien għalliem fl-iskola governattiva tal-Mosta. Nistgħu ngħidu li Preca kien wieħed mill-kittieba bikrin li waqqaf l-ewwel filati fil-bini tal-letteratura Maltija.

Meta kien jgħix Preca, l-Malti kien imkasbar u l-kotra kienet mitluqa għar-rasha, ħadd ma kien jgħallem il-Malti u ħadd ma kellu interess fl-ilsien Malti. Annibale Preca ma riedx li l-Ilsien Malti jintelaq. Dan għamlu bħal ħabibu s-Sur Fons Marija Galea, li kien Nisrani u ċittadin ta' veru. Naraw li t-tnejn kienu tal-fehma li jgħożżu u jiżviluppaw l-Ilsien Malti.

Il-kittieba tal-Malti dak iż-żmien kienu jiltaqgħu ma' ħafna tfixkil u saram kbir. It-tfixkil kien ġej minn ħafna mill-gradwati Maltin li, billi qatt ma kienu tgħallmu l-letteratura Maltija u kienu mrobbijin jistmellu ilsienhom, kienu jfixklu kull kitba bil-Malti.

Annibale Preca ma kienx wieħed minn dawn in-nies għomja. Fuq kollox kien Nisrani tajjeb u għalhekk, dak li kien jixtieq għalih innifsu, kien jixtieqa wkoll għal ħaddieħor. Huwa kien jagħraf il-ġid tal-edukazzjoni għall-formazzjoni tal-karattru tiegħu u għall-kotra.

Imma l-kotra kullimkien tilħaqha bl-ilsien li titkellem kuljum u għaldaqshekk Preca studja u ħaddem il-Malti, tħabat kemm felaħ biex jarah mgħallem fl-iskejjel ħalli bis-saħħa tiegħu jkun jista' jxerred it-tagħlim, id-dawl tal-qalb fost kulħadd sal-iktar irħula mbegħda ta' Malta u Għawdex li dik il-ħabta kienu mitluqin għad-dlamijiet tal-injoranza għax kienu kwieti u ma kienux jafu jipprotestaw kontra s-saltna tad-dlamijiet.

Illum, għadna nsibu t-theddida għall-formazzjoni tal-karattru reliġjuż u Malti tal-poplu tagħna. Annibale Preca barra li kien kittieb tajjeb kien bniedem reliġjuż ħafna.

Ta' kuljum kien jgħid l-uffiċċju tal- qaddisin, għal għoxrin sena dam prokuratur tal-Knisja ta' Ħal Lija, kien jieħu ħsieb tal-opri tal-propaganda tal-fidi u kien wieħed mill-avukati ta' San Pietru tas-Santa Sede.

Billi kellu kuxjenza tajba, hu flimkien mas-Sur Fons, u lajċi u reliġjużi oħra, kiteb biex jgħallem il-poplu, kitba li meta taqraha llum tieħu gost biha għalkemm għaddew ħafna snin minn fuqha u l-istil ħafif hu maħsub għan-nies ta' tagħlim żgħir.

Preca kien persuna pożittiva ħafna bid-daħka dejjem fuq fommu u kien jieħu kollox biċ-ċajt.

Dan kien importanti għax kull min jieħu l-progress ta' pajjiżu bis-serjetà u jitħaddet bla tlaqliq, kellu bżonnu biex itaffi t-tingiż tal-ilsna ħżiena, ta' dawk li meta tinqala' ideja jħobbu aktar jiddiskutu fuqha, u juruk kemm jafu aktar minnek milli jużaw saħħithom biex din l-ideja tajba isseħħ... tinbidel minn ħolma ta' qalb ġeneruża għar-realtà għall-ġid u r-risq tal-poplu kollu.

## KITBIETU

L-ispirtu ċajtier ta' Preca jidher f'ħafna mill-kitbiet tiegħu b'mod partikulari fid-Djalogu bejn Tabib, imnieħru mxammar mal-Malti fil- ġurnal Ward u Zahar, li kien bi ħsiebu joħroġ għat-tagħlim tal-Malti. Din it-taħdita nistgħu narawha fil-ktieb Mgħodija taż-Żmien jew inkella fit-tielet ktieb tal-Ward ta' Qari Malti.

Is-Sur Fons fir-rivista Il-Malti ta' Settembru 1928, l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, ta tagħrif fil-qosor fuq ħabibu u mgħallmu Annibale Preca. F'dil-kitba jirrakonta li dan Preca, li meta hu u ħuh kienu zgħar kien is-surmast tagħhom, biex idaħħaqhom kien jħarrfilhom li missieru kien ġej mir-razza ta' xi wieħed mill-Ħallelin tal-Baħar Griegi.

Mill-kitbiet tas-Sur Fons, nafu li Preca kien surmast fqir tal-iskola, li qatt ma' siefer aktar 'il bogħod minn Għawdex; li ta' sittax-il sena laħaq surmast tal-iskola tal-Mosta; li meta kiber u s-Sur Fons sar jafu aħjar kien jaf bit-Taljan, bl-Ingliż, Latin, bl-Ispanjol u bil-Franċiż barra milli kien jaf ġmielu l-Ilsien Lhudi u xi daqxejn Portugiż u Grieg ukoll.

Is-Sur Fons jgħidilna li Preca kien l-ewwel surmast tiegħu tat-Taljan u tal-Ingliż u tal-Latin; u 'l quddiem lilu kien għallmu bl-Ispanjol, u ħajru jikteb il-kotba bil-Malti. L-ewwel ktieb tas-sensiela Mogħdija taż-Żmien kien jismu Dik Xortik!. Kien kitibhulu Annibale Preca.

### NAGĦTU ĦARSA ĦAFIFA LEJN XI KITBIET TA' PRECA

Kiteb Saggio Intorno alla Lingua Maltese come affine dell' Ebraico, pubblikata fis-sena 1880.

Kiteb Storja tal-Knisja, ktieb ta' 510 paġni u qaleb bil-Malti l-ktieb Imitazzjoni ta' Kristu.

Preca kiteb ukoll Ġabra ta' poeżiji ċajtiera għat-tfal, Tifsira fuq il-kotba tal-Bibbja,

Żieda tal-ewwel Ktieb tal-Qari Malti tal-Gvern (1880) u Alfabet Fonetiku Malti għall-iskejjel tal-Gvern.

L-aqwa xogħol tiegħu Malta Cananea, ossia investigazioni filologico-etimologiche nel linguaggio Maltese, kien xogħol li kien fih ħafna tiftix lessikali li ġabar flimkien biex minnu seta' jibni t-teżi tiegħu dwar nisel il-Malti.

Preca ma kitibx biex ikun kiteb sabiħ biss imma biex jgħallem. Fin-novelli sbieħ tiegħu li fihom kitba ċajtiera bħal Żewġ Siġġijiet Battala li nistgħu naqraw fit-Tielet Ktieb tal-Ward ta' Qari Malti, Preca jidher jikteb biex hu jieħu gost ifisser ruħu sew bil-Malti. Imma dan il-gost Preca kien jurih f'kull kitba tiegħu.

Annibale Preca għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-sena 1901